# L-AĦBAR

PROVINĊJA FRANĠISKANA SAN PAWL APPOSTLU - MALTA No. 149 Ottubru 2009







## MERĦBA BIENVENIDO

**Ministru General**
**P. Jose Rodriguez Carballo**
**O.F.M.**

## Żewġ Novizzi ġodda

**Fra Aaron Abdilla**
**O.F.M.**
**Fra Emmanuel Said**
**O.F.M.**

**27 - 08 - 2009**



## Quddiesa Konċelebrata Inter-franġiskana ma' l-Arċisqof Mons. P. Cremona O.P.

**22 - 09 - 2009**





# PENTEKOSTE FRANĠISKANA ĠDIDA (1)

**N.B.** Se tibda tidher it-traduzzjoni tat-taħdita li, P. Raniero Cantalamessa O.F.M. Kap. , il-predikatur tal-*Casa Pontifcia*, għamel nhar il 15 t'April 2009 fit-tinda ġewwa S. Marija ta' l-Anġli, fil-bidu tal-Kapitlu Franġiskan Internazzjonali tal-Ħsajjar.

1. Il-kariżma fil-bidu tagħha

Din ir-riflessjoni tiegħi se nibdiha b' mistoqsija: x'qed infakkru eżattament f' din is-sena 2009? Żgur li mhux l-approvazzjoni tar-regola li aħna pprofessajna, li hija r-Regola bullata, imma l-approvazzjoni bil-fomm, minn Papa Innoċenz III, ta' l-ewwel regola, mitlufa, ta' S. Franġisk. Erbatax il-sena oħra, fil-2023, se nfakkru ċ-ċentinarju tar-Regola bullata u nistgħu nibqgħu ċerti li, f' dak iż-żmien, bosta drabi se jitkellmu fuqha u dwar l-importanza tagħha. F' din is-sena għandna okkażjoni unika biex nerġgħu niskopru l-kariżma franġiskana sa mill-bidu tagħha. Biex ngħidu hekk, 'fl-istat pur tagħha'. Hija *kairos* għall-Ordni kollu u għall-moviment franġiskan. Ma nistgħux inħalluh għaddej, qiesu mhu xejn.

Is-soċjologi ilhom li tkellmu, b' mod qawwi, fuq is-saħħa u l-karatturu rrepetibbli ta' kull moviment kollettiv fl-*statu nascenti* tiegħu. Meta tkellem minn sitwazzjonijiet ta' effervexxenza kollettiva, E. Durkheim kiteb: "Il-bniedem għandu l-impressjoni li jiġi maħkum minn forzi li m'għarafx li huma tiegħu, li jkaxxkruh, u li huwa m'għandux is-saħħa fuqhom... Iħossu li qed jiġi mmexxi f' dinja differenti minn dik li fiha qed jgħex b' mod privat. Il-ħajja hawn mhijiex biss qawwija, imma kwalitativament hija differenti". Għal Max Weber, il-bidu ta' movimenti bħal dawn, huwa marbut mad-dehra ta' xi kap kariżmatiku li, jinqata' mit-tradizzjoni, billi jiġbed lil dawk li jmorru warajh f' avventura erojka, u f' dawk li jimxu warajh, jwelled fihom esperjenza ta' twelid mill-ġdid interjuri, *metanoia*, skond il-ħsieb ta' S. Pawl. Il-prospettiva ta' dawn l-awturi hija soċjoloġika. Weħedha ma tispjegax il-movimenti reliġjużi imma tgħen biex tifhem id-dinamika tagħhom.

Skond Francesco Alberoni, dawn huma meta twieldu r-reliġjonijiet, ir-riforma protestanta, ir-rivoluzzjoni franċiża u bolxevika. Aħna nistgħu nżiedu mingħajr tlaqliq, il-moviment franġiskan. Hemm, skond l-istess Alberoni, verament analoġija bejn il-bidu ta' dawn il-movimenti u l-fenomenu tan-'namur'. Dan kien, verament, dak li ġara' bejn Franġisku u dawk li marru warajh: 'in-namur'.

Hemm fjuri li ma jiripproduċux meta tiżra ż-żerriegħa tagħhom jew xi fergħa tal-pjanta, imma trid tibda mill-basla, li, b'mod misterjuż, terġa' tqum u terġa' tibda tnibet fir-rebbiegħa. Bħal dawn insibu, sa fejn naf jien, it-tulipani u l-*calle*. Jiena nemmen li, ukoll l-Ordni Franġiskan għandu bżonn jerġa' jibda miż-żerriegħa. Din kienet iż-żerriegħa li ġabet l-ewwel intwizzjoni, jew aħjar l-ispirazzjoni ( "Il-Mulej nebbaħni… "), li Franġisku t' Assisi kellu fl-1229 u ppreżenta lil Papa Innoċenz III.

Il-vantaġġ enormi ta' din il-fażi tal-kariżma franġiskan, meta mqabbla mas-sistema

ġuridika ta' l-1223, huwa, li din ta' l-aħħar kienet ġiet influwenzata iktar mill-ġrajjiet storiċi u mill-bżonnijiet ġuridiċi tal-mument. Fiha l-moviment diġa' sar istituzzjoni, b' dak kollu li ħadet, imma wkoll b' dak kollu li tilfet mħabba l-passaġġ li kellha tgħamel. Franġisku, kif jgħidilna Paul Sabatier, sab f' dawn in-normi ekklesjastiċi, fir-regola definitiva, ' direttivi li taw forma preċiża għall-ideajat mnebbħa b' mod vag, imma sab wkoll strutturi li fihom il-ħsieb tiegħu tilef xi ħaġa mill-oriġinalita' u l-forza: l-inbid il-ġdid mqiegħed f' damiġġani qodma'. Mingħajr ma neħħu xejn mill-valur inestimabbli tar-regola definitiva, huwa lejn dak l-ewwel mument tal-bidu li aħna rridu nwettqu b' suċċess 'l-isfida tar-rifondazzjoni', kif naqraw fl-ittra li l-Ministri Generali bgħattulna fl-okkażjoni ta' din il-laqgħa tagħna.

B' xortina, il-kontenut ta' l-ewwel regola huwa l-aktar ħaġa mgħarufa u fiha inqas kontroversji mill-istoriografija franġiskana kollha, minkejja li din il-kitba ntilfet. Fil-bolla ta' l-approvazzjoni tar-Regola ta' l-1223 *Solet annunere*, il-Papa Onorju III kiteb: "Aħna nwettqu bil-qawwa apostolika tagħna, ir-Regola ta' l-Ordni tagħkom, approvata mill-Papa ta' qabilna Innoċenz, ta' tifkira hienja, imseddqa b' din il-kitba". Minn dan il-kliem, nistgħu ngħidu, li huma dejjem mill-istess regola, 'mseddqa b'din il-kitba', mela li kienet miktuba. Nafu li żgur ma kienx hekk. Mingħajr ma rridu nitfgħu xi dellijiet, kif għamel xi ħadd magħruf fl-istoriografija franġiskana, u nitkellmu mir-regola definitiva bħala xi ħaġa mifruda minn Franġisku, iktar milli hu xtaq, m' hemmx dubju li, bejn iż-żewġ dati għaddew ħafna affarijiet. L-istess ġara fuq l-ewwel regola.

Fuq il-kriterju ta' l-ewwel regola, ġejna mgħarrfa sew direttament minn Franġisku, li fit-Testment tiegħu jikteb: " U wara li l-Mulej għoġbu jagħtini l-aħwa, ħadd ma urieni x' kelli nagħmel; imma l-istess l-Aktar Għoli nebbaħni li kelli ngħix skond l-għamla ta' l-Evanġelju mqaddes. U jien bi ftit kliem u xejn tlellix ktibt dan, u s-sinjur Papa ikkonfermahuli " {FSF 188}.

Iċ-Celano jikteb: 'Meta l-imqaddes Franġisku ra li l-Mulej Alla *ta' kuljum kien ikabbar il-għadd ta' dawk li jingħaqdu miegħu*, kiteb għalih u għall-aħwa preżenti u futuri, bi ftit kliem u bis-sempliċita', għamla ta' ħajja jew regola, li kienet mgħamula l-aktar minn kliem meħud mill-Evanġelju mqaddes, li hu kien jixxennaq għall-ħarsien sħiħ tiegħu. Magħha żied ukoll xi ftit direttivi indispensabbli għall-ħajja qaddisa ta' flimkien'. 1C 13 {FSF 229}

Il-'ftit kliem' miktubin, żgur li, mingħajr dubju, kien fihom siltiet evanġeliċi li laqtu lil Franġisku waqt il-famuż qari ta' l-Evanġelju waqt il-quddiesa, jiġifieri s-silta meta Gesu' bgħat l-ewwel dixxipli tiegħu u tahom dawn it-twissijiet: "biex ma jġorrux deheb jew fidda, jew ħorġa jew but, la ħobż, la jkollhom ħatar għat-triq , la qorq u lanqas żewġ ilbiesi" (ara L3C 8 {FSF 561} ). Naħsbu, mingħajr ebda raġuni, li parti minn dawn is-siltiet kienu miktuba fl-ewwel kapitlu tar-Regola mhux bullata.

Imma dawn kienu biss ezemplifikazzjonijiet parzjali. L-għan veru ta' Franġisku qiegħed fl-espressjoni li tinsab f'kull parti li hemm fir-regola, u li l-qaddis jerġa' jisħaq fit-Testment tiegħu: "tgħix skond il-Vanġelu". L-għan huwa li terġa tmur lura b' mod radikali għall-vanġelu, jiġifieri għall-ħajja ta' Kristu u l-ewwel dixxipli tiegħu. Għamlu sew, il-Min. Gen. li semmew l-ittra tagħhom - ' Tgħix skond il-Vanġelu.'

**>>> Jitkompla fil-ħarġa li jmiss**

# JUM XOGĦOL
# TA’ PATRI FIL-MISSJONI

P. Alberto Gauci O.F.M. mill-Honduras




Il-munitieri jixgħelu ta’ l-arloġġ juru l-ħamsa ta’ filgħodu. Is-sħana ta’ taħt il-friex tistiednek biex tieħu nagħsa oħra! Iżda le! ……. Wasal il-ħin biex inqum. Barra imsaħħab u irxiex. Kesħa sewwa tax-xahar ta’ Jannar. Inqaxxar il-leħja, inlaħlaħ snieni u naħsel wiċċi. Tazza ċafe ta’ malajr u sigarrett u nmur niftaħ il-ħanut, fejn inbiegħu l-ħobż, li ngħamlu aħna stess. Galetti u ħobż għall-orfni, għax-xjuħ u għaċ-Ċentru Nutrizzjonali. Jaslu bir-rota t-tnax il-ħaddiem, li jaħmu l-ħobż u jibdew il-jum tax-xogħol. Xi nies jersqu wkoll biex jixtru. Il-flus, li ndaħħlu, jgħenu biex inżommu l-proġetti li għandna. Ma tistax tistennih **KOLLU** mill-karita’. Trid tgħen ruħek biex Alla jgħenek, kienu jgħidulna fis-seminarju ! ( fil-kunvent tagħna tar-Rabat). Għandna ĦAFNA bżonnijiet — orfni, anzjani, morda bl-AIDS, kinder, klinika, bini ta’ *stadium*…..u San Franġisk JIMBOTTA !

Ngħabbi l-*jeep* bil-ħobż kollu tal-bieraħ u nerhila lejn il-pjazza ta’ Juticalpa. Qisu fuq il-monti! Diġa’ hemm xi nies jistennewni……ħobż, galetti, pasti u galettini. Suq tajjeb illum….u għax kulħadd jaf li b’dak li qed jixtru qed jgħenu lil min hu fil-bżonn!

Il-ħdax ta’ filgħodu u kważi ma baqa’ xejn. Kaxxi, borom u *trays* jerġgħu għal ġol karozza, din id-darba vojta. Lura lejn il-parroċċa Santa Gertrudis biex ngħen inqassam l-ikel ta’ nofsinhar lit-tfal u lix-xjuħ. Kulħadd kiel u sas-sagħtejn anke ħsilna l-platti. It-tfal jilgħabu bil-pupi u l-ballun u x-xjuħ joħolmu fis-SIESTA. Hawn kalma u kwiet għax niżżik ħajr l’ Alla kulħadd żaqqu mimlija.

Wasal il-ħin biex immur inqaddes f’raħal jismu Sincuyapa, 45 minuta sewqan. In-nies diġa’ qed jistennew. Xi siegħa qrar, il-quddiesa, 8 koppji biex jiżżewwġu u 19 il-magħmudija. Raħal ta’ 5 elef ruħ u quddiesa **BISS** darba fix-xahar! Parroċċa ta’ 55 elf ruħ u patri wieħed **biss**, li biex tagħqad ….Vigarju ta’ l-Isqof ukoll! Tgħamel li tista’!

Kważi s-sitta. Insuq naqra imċaqlaq biex nasal Juticalpa għall-quddiesa tas-sebgħa. Kieku llum żewġ quddiesiet biss. Xi drabi jkolli 4 jew 5, speċjalment il-Ħadd. Xi tnejn għall-qrar. Inqaddes u sejħuli għax hemm wieħed li qed imut. Għandu 92 sena. Sar trux u marritlu l-kelma. Is-sagrament tal-morda u xi talba żgħira u pas-saport għall-ġenna żgur. Bata wisq f’ħajtu b’tant faqar. Lura d-dar sibt xi żagħ-ażagħ jistennewni. Il-ġimgħa d-dieħla għandna *Youth encounter* għal 70 minnhom. Kważi kollox ippreparat. Baqa’ biss ftit dettalji. Telqu u fl-aħħar ninsab waħdi. Ni-tawwal lit-tfal u …...għand l-anzjani. Kulħadd rieqed. Tifla minnhom, nofsha rieqda, tħaddanni magħha u titbissimli. Inbierek lil kulħadd u nidħol id-dar. Iż-żewġt iklieb li għandi, *labradors* suwed faħma, jaqbżu fuqi, jifirħu bija. Għalinqas hemm xi ħadd jistennini. Bħali, għadhom ma kielu xejn il-jum kollu. Ikla waħda flimkien! Naqli l-bajd, tadam, fażola u *tortillas*. L-unika ħaġa li naf ngħamel. Ħasra li fis-

seminarju, fost tant filosofija u teoloġija, QATT ma tawna klassi fuq it-TISJIR! Kilt! Tmajt il-klieb bl-għadam u l-imbarazz, li s-soru terfgħali mill-ikel ta' l-anzjani u …...baqa' l-aħħar opra tajba tal-jum… inċempel lil oħti Mary ġo Toronto. Xejn xejn inpaċpaċ naqra magħha bil-Malti biex ma ninsiehx. Ittini l-aħħar aħbarijiet minn Malta fuq ħuti u missieri ta' 86 sena.

Kważi nofs il-lejl! Nilħaq l-aħħar aħbarijiet fuq ir-radju, l-aħħar sigarett u ……..qabel ma rasi ħabtet ma' l-imħadda. …….diġa' kont rieqed ……...u dak il-lejl
ĦLOMT ……….. Ħlomt b' S.Franġisk, li mis-sema' qiegħed jitbissem fuqna, wliedu, meta nagħmlu xi ħaġa għall-ġid ta' min hu fil-bżonn. ….u ħlomt bikom, il-benefatturi tagħna, li minn Malta, tant il-bogħod, permezz tat-TALB u l-ġenerożita' KBIRA tagħ kom, tgħenu f' dan ix-xogħol tagħna, hawn fil-MISSJONI TAL-HONDURAS.

…….U ħlomt bi sħabi tas-seminarju …….Ewgenju, li diġa' qiegħed il-ġenna u tant qed jitlob għalija……..Dwardu u Gabrjiel, l-Awstralja, ……..Feliċjanu ( P. Gwann Az-zopardi ), xagħru aħmar, dejjem nilgħabu l-futbol u inpejpu xi sigarett bil-moħbi tal-Mastru, li kien qiesu ……. Marku, dejjem ħsiebu f' xagħru għax qed jitfar-tas………..Victor, miġnun fuq il-pjanu u l-mużika ………….. Flimkien konna
AĦWA għal xi 8 snin. Kultant konna nistudjaw. Pero' dejjem konna noħolmu li xi darba niġu l-Missjoni.

……. U issa għaddew 36 sena !

**N.B**. Grazzi mill-qalb lil P. Albert ta' dan l-artiklu li għoġbu jibgħatilna. Inħeġġu lill-missjunarji l-oħra, biex huma wkoll jibgħatulna artikli bħal dan. Aħna lkoll nwegħdu lilu u lil ħutna kollha, li jinsabu 'l bogħod minn xuxtna, li niftakru fihom fit-talb tagħna u jalla jkomplu jaħdmu bil-ħeġġa fil-għalqa tal-Mulej. Dawk kollha li jixtiequ jgħenu, lil P. Albert u lil ħutna l-oħra, jistgħu jidħlu fil-***webpage*** ta' l-Uffiċċju tal-Missjonijiet tal-Provinċja tagħna - **www.ofm.org.mt/missions.**

——

**GRAZZI MILL-QALB !!!!**

25 ta' Settembru 2009

Rendikont tad-dħul u donazzjonijiet, li saru għall-Eċċ. Tiegħu Mons. Robert Camilleri O.F.M., wara l-inċident tal-ħruq tal-Kurja tiegħu fil-Ħonduras.

| | |
|---|---|
| Provinċja OFM | € 2,000.00 |
| Kunvent Belt | € 1,000.00 |
| Kunvent Rabat | € 800.00 |
| Kunvent Għawdex | € 850.00 |
| Kunvent Ħamrun | € 200.00 |
| Kunvent Sliema | € 200.00 |
| Komunita' Ġesu' Ħabib | € 368.86 |
| Laboratorju tal-Paċi Ħal-Far | € 200,00 |
| P. Pietru Pawl Meilaq OFM | € 400.00 |
| P. Gabrijel Micallef OFM | € 1,087.00 (Australian $ 2,000) |
| P. Sebastjan Camilleri OFM | € 1,000.00 |
| Benefatturi | € 8,100.00 |

Lil Mons. Robert intbagħtitlu diġa s-somma ta' €12,000 .00 ($ 16,685.00). Id-differenza li għad baqa', se tintbagħat fl-aħħar ta' dan ix-xahar.

P. George Bugeja O.F.M.— Segretarju Provinċjali – Missjonijiet



# B. Angela minn Foligno
## 1248-1309



Matul din is-sena (2009) qed jiġi ċċelebrat is-7 ċentinarju mill-mewt tal-Beata Angela minn Foligno. Hawn se nagħtu ftit ħjiel fuq ħajjietha biex, mhux biss inkunu nafu xi ħaġa aktar fuqha, imma fuq kollox biex naraw kif Alla ħadem f' din il-mara.

1248– Twieldet ġewwa Foligno fl-Umbrija. Ma tantx għandna ħjiel dwar dan il-perjodu ta' ħajjitha. Nafu zġur li żewwġet u kellha t-tfal. Wisq probabbli ma tantx kienet xi bniedma li kienet tħabbel rasha biex tgħix ħajja nisranija tajba.

1285 - Angela għaddiet minn kriżi kbira ta' kuxjenza. Wara li kellha dehra ta' S. Franġisk, għamlet qrara sinċiera fil-Kattidral ta' S. Feliciano, għand franġiskan qarib tagħha, Arnaldo minn Foligno, li wara sar id-direttur spiritwali tagħha u kien dak li kiteb ir-rivelazzjonijiet mistiċi tagħha. Sadattant tilfet lil żewgħa, lil uliedha u lil ommha. Dwar il-mewt ta' uliedha stqarret li hi sofriet ħafna daqs li kieku qagħalawlha l-intern tagħha.

1291 - Biegħet ġidha kollu u qassmitu lill-foqra u saret penitenti fl-Ordni Franġiskan Sekular. Għamlet vjaġġ penitenzjali lejn il-belt ta' Assisi u hemm, fil-Bazilika ta' S. Franġisk, ħ asset waqtiet ta' telfa mistika f'Alla u ta' rivelazzjonijiet dwar it-Trinita' Qaddisa. Dawn l-esperjenzji, ta' bejn 1285-1296, inkitbu minn Fra Arnaldo, wara li għad jismagħ-hom minn fommha, fil-ktieb '*Memoriale*'- Awtobijografija tal-Beata. Barra minn dawn, hija kitbet bosta ittri lil dawk il-persuni, li talbuha xi għajnuna spiritwali. Hija kellha mħabba lejn il-foqra u l-morda imma speċjalment lejn il-lebbruzi. Jingħad li waqfet '*cenacolo*', fejn id-dixxipli tagħha kienu jgħexu ħajja spiritwali u soċjali.

1309 - 4 ta' Jannar mietet u l-aħħar waqtiet ta' ħajjietha huma deskritti fid-dettal, f'kitba li ; ġġib l-isem ta' *De felici exitu beatae Angelae.* Il-ġisem tagħha jinsab ġewwa urna fil-Knisja ta' S. Franġisk tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali ġewwa Foligno.

1701 - Papa Klement XI approva l-kult tagħha.

Il-Papiet, li sejħulha 'qaddisa' - Pawlu III fl-1547 fl-ittra dwar il-privileġġi tat-T.O.F. u Piju XI fl-ittra li kiteb lil A.M.J. Ferre'. Piju XII sejjħilha ' l-akbar mistika franġiskana'. Ingħatat it-titlu ta' *Magistra thelologorum.*

1993 - 20 ta' Ġunju - Il-Papa Gwanni Pawli II talab quddiem l-urna tagħha. Huwa sejjħilha 'Imdawwlha mill-predikazzjoni tal-Kelma', ġiet ippurifikata mis-sagrament tal-qrar, inti sirt eżempju mill-aktar sublimi tal-virtujiet evanġeliċi, għalliema għarfa ta' dixxeriment nisrani u għajnuna ċerta fil-mixja tal-perfezzjoni'.

2008 - Il-Ministru Generali ta' l-O.F.S. ħarġet ittra ta' l-okkażjoni - www.ciofs.org

**Ara wkoll - *www.beataangela.it***

# THE FRANCISCAN FAMILY ( 1)

**N.B. Dan huwa l-ewwel artiklu qasir minn sensiela ta' artikli oħra, li diġa dehru fil-*webpage* tal-Kapitlu Ġenerali 2009, dwar l-Ordni tagħna, bil-ħsieb li nagħtu aktar tagħrif dwar il-bosta ħidmiet li l-Ordni tagħna qed jwettaq fid-dinja. Dan qed jidher speċjalment għal dawk il-persuni li m'għandhomx aċess għall-*internet*.**

The Franciscan family, from its early beginnings, was composed of three Orders: The Friars Minor (First Order), the Poor Ladies "the Poor Clares" (Second Order) and the Franciscan Secular Order composed of lay people of both sexes (Third Order).

In the course of the centuries the Friars of the First Order branched into three families: the Minors (with around 17,00 members) the Conventuals (around 4,500) and the Capuchins (around 11,500).

The Poor Clares have around 900 convents throughout the world and 16,000 cloistered nuns. To this may be added seven groups of Franciscan contemplatives ( some with their own Rules and others with the Rule of the Regular Third Order).

The Franciscan Secular Order today has around 400,000 members to which may be added almost 50,000 Franciscan Youth members.

In the male branch there is also the Regular Third Order whose members are religious, not lay (around 954).

Another important group comprising of around 400 female Institutes professing the Rule of the Third Order with almost 250,000 members is also developing.

The Franciscan charism has also given life to Franciscan families in other Christian confessions – a fact which may be described as unique rather than rare. There are Anglican Franciscans and Poor Clares as well as Franciscan Hindus and groups of "friends of St. Francis" in every culture and religion.

Finally, the Franciscan charism, by virtue of its innate openness to others, has easily taken up the path of dialogue and communion with more recent movements in the Church.

^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^

## *PROGRAMM TA' MIXJA FRATERNA*

Bhala parti miċ-ċelebrazzjonijiet li saru fuq livell inter-franġiskan f' dan it-8 ċentinarju tar-regola tagħna, nhar il-Ħadd 27 ta' Settembru fis-7.00 pm saret laqgħa fil-Monasterju tal-Klarissi, li fiha P. Pietro Maranesi O.F.M. Kap. tkellem dwar l-ispiritwalita' u l-karizma franġiskana fil-ħajja tal-lum. Wara kien hemm mument fratern.

Fil-25 t' Ottubru se ssir mixja miż-żgħażagħ, bejn 15-30 sena, fid-9.30 a.m. minn ħdejn Sarria sal-knisja tal-Kapuċċini, l-Furjana fejn se jkun hemm Quddiesa. Wara se ssir waqfa għand il-Klarissi u varjeta' f' *Bay Street*, Paceville. Il-mixja se tispiċċa għal ħabta ta' l-4.00 pm ġewwa l-*Millenium Chapel*.

# Retreat in preparation for the postulancy

On Friday evening, the 18th of September 2009, postulant Andrea Diacono together with the pre-postulants Clive Camilleri and Ramon Farrugia began their spiritual retreat in Montepaolo Hermitage, adjacent to the Franciscan convent in Gozo. This retreat, in preparation for the start of a new year of postulancy on the 29th of September, was organised by Fra Stephen Magro O.F.M. and Fr. George Bugeja O.F.M..

After a warm welcome by the Fr. Guardian - Fr. Joseph Magro O.F.M. and the friars residing there, these young men had their first conference by Fra Stephen Magro on the importance of prayer and the necessity to search for frequent moments of prayer even in the early stages of the Franciscan formation. The next day they participated in another two conferences conducted by Fr George Bugeja in which they examined their personal relationship with God while the challenge of being ready to accept God's will was highlighted. In the morning they also attended mass celebrated by Fr. George Bugeja in the chapel of the hermitage.

On Sunday morning, after mass, these young men paid a visit to a Gozitan woman of profound spirituality who manages to dedicate herself to continuous prayer. She encouraged them to foster an intimate bond with God ahead of daily temptations and difficulties. Late in the afternoon they attended their last conference centred on the significance of religious life in present times and were given some tips on how each one can contribute to a healthy fraternal environment. The retreat came to an end on Monday morning with mass and lauds with the Gozo fraternity. Throughout the retreat these young men joined the fraternity for moments of prayer, mealtime and recreation.

Clive Camilleri and Ramon Farrugia will be starting their postulancy on the 29th of September together with Andrea Diacono who will be starting his second year of postulancy. While recommending these young men to your prayers in the first stage of their Franciscan formation, may the Lord and the Blessed Virgin Mary be their constant guide in this new experience and may the Holy Spirit enlighten and encourage them throughout this year of spiritual discernment.

Andrea Diacono - postulant

It-tlett Postulanti li, fid-29 ta' Settembru, waqt Quddiesa Konċelebrata, bdew l-Postulandat tagħhom fil-kunvent tar-Rabat taħt id-direzzjoni tal-Mastru P. Pawl Galea O.F.M., li huwa l-Gwardjan ukoll tal-komunita'.

**AWGURI !!!**



## *AĦBARIJIET FIL-QOSOR MILL-PROVINĊJA TAGĦNA*

### Pelegrinaġġ speċjali lejn l-Art Imqaddsa

Kif ħabbarna fil-ħarġa ta' Awwissu-Settembru 2009, bejn il-5 u t-13 ta' Lulju sar pellegrinaġġ lejn l-Art Imqaddsa, organizzat mill-Kummissarjat ta' l-Art Imqaddsa ġewwa pajjiżna. Huwa kien imexxi mill-Arċisqof ta' Malta, Mons. P. Cremona O.P. u mill-Arċisqof Emeritus Mons. G. Mercieca. Magħhom marru l-Provinċjal, u bħala gwidi – P. Raymond Camilleri O.F.M., P. Noel Muscat O.F.M., li bħalissa jinsab ġewwa Betlem, P. Twanny Chircop O.F.M. u P. Marcello Ghirlando O.F.M. Kien hemm ukoll xi aħwa oħra, l-Istudenti u l-Postulanti tal-Provinċja tagħna. Żewġ parlamentari Maltin issieħbu wkoll. B' kollox kien hemm mal-167 persuna. Għalkemm għall-ewwel, il-ħsieb kien li jiġi organizzat għaż-żagħżagħ biss, imma wara l-*booking* infetaħ ukoll għall-adulti. Mill-kummenti li diġa' dehru fil-gurnali u dawk li nstemgħu, jidher biċ-ċar li kulhadd hass li dan il-pellegrinaġġ lagħaq l-iskop prinċipali li huwa, mhux biss li wieħed jara b' għajnejh lil din l-Art, imma fuq kollox li jgħamel esperjenza qawwija ta' fidi f' dawn il-positijiet tal-fidwa tagħna. Prosit mill-ġdid lil kull min ha sehem !!!!!!!!!

### P. John Muscat O.F.M.

Minn Novembru li ġej, huna P. John Muscat se jibda jgħamel parti mill-fraternita tas-*Santuario San Antonio* Parish in Forbes Park, Makati City. Il-Provinċjal P. Baltazar A. Obico O.F.M. għarfu b' dan u fl-istess waqt irringrazzjah b' dan il-kliem '......*We are fully aware of your accomplishments in Biliran. The way you have helped the people both spiritually and materially is a source of pride both of your Province and our Province here in the Philippines. On behalf of the Provincial fraternity, may I thank for your self-offering to the Province of San Pedro Bautista......'.*

Dan huwa l-indirizz ġdid ta' P. John Muscat O.F.M. -

**Santuario de San Antonio Parish**
**P.O.Box 3214**
**1219 Makati City - PHILIPPINES**

### Is-servizz tal-Qrar ġewwa l-Porzjunkola u l-Lateran

Lejn l-aħħar ta' Lulju P. Alex Borg O.F.M. telaq lejn Assisi biex jibda jgħati s-servizz tal-qrar fil-Bażilika ta' S. Marija ta' l-Anġli. Hemmhekk diġa' kien hemm P. Charles Grech O.F.M., li mbgħad reġa' lura Malta, wara li kien ilu hemm xahar. Fil-15 ta' Settembru tela' P. Julian Sammut O.F.M. biex ikompli jgħati dan is-servizz għal xahar ieħor. Issa l-Provinċja tagħna ilha s-snin toffri dan is-servizz utli f' dan is-santwarju marjan fis-sajf (**N. B.** P. Kamillu Aquilina O.F.M. u P. Charles Wickman O.F.M. (R.I.P.) għamlu snin twal, kull sajf , joffru s-sevizz tagħhom ), kemm mħabba li fis-sajf, speċjalment fil-*week-ends*, ikun hemm influss qawwi ta' pellegini minn kull naħa tad-dinja, kif wkoll għaliex il-Provinċja Serafika dejjem kienet lesta biex toffri s-servizzi ġenerużi tagħha b' risq in-novizzi, li jkollha l-Provinċja tagħna. Sadanittant P. Anton Farrugia O.F.M. u P. Albert Micallef O.F.M., għal darb'oħra, offrew is-servizz tagħhom ta' konfessuri fil-Bażilika ta' *S. Giovanni al Laterano*, Ruma. Huma nqgħadu ma' l-patrjiet residenti f' dik il-komunita', għas-servizz ta' tant pellegrini, li jżuru l-Belt Eterna, speċjalment fix-xhur tas-sajf.

**Festa Solenni ta' Santa Marija ta' l-Anġli**

Il-komunita ta' S. Marija ta' l-Anġli - Baħar iċ-Ċagħaq - iċċelebrat il-festa titulari bi programm reliġjuż. Nhar l-1 t' Awwissu saret mixja franġiskana, li telqet fit-8.00 pm minn ħdejn il-Knisja Parrokkjali ta' Għargħur u ntemmet fil-knisja tagħna ta' Baħar iċ-Ċagħaq b' mument ta' talb u Adorazzjoni Ewkaristika. Hija ġiet organizzata mis-Seminarju tal-Provinċja tagħna u kellha dan is-*slogan – Jien min jien? Int min Int?*

**Ċelebrazzjonijiet f' gieħ Santa Klara**

Fil-5 t' Awwissu fis-7.00 pm saret laqgħa fraterna ma' S. Klara ġewwa l-monasterju tal-Klarissi ġewwa S. Giljan. Sar għasar animat u adorazzjoni ewkaristika. Nhar il-festa tagħha, fil-11 t' Awwissu, saret Quddiesa Konċelebrata mmexxija mill-Provinċjal tagħna. Bosta aħwa attendew, kif ukoll aħwa oħra ta' l-ewwel Ordni u sorijiet tat-tlett kongregazzjonijiet franġiskani, li jinsabu ġewwa Malta, membri ta' l-O.F.S. u benefatturi tas-Sorijiet Klarissi.

**Konsagrazzjoni tal-kappella ta' Ġesu l-Ħabib u l-artal**

Nhar id-9 t' Awwissu, fit-8.00 am, waqt Quddiesa Konċebrata, Mons. Arċisqof P. Cremona O.P. ikkonsagra l-kappella ta' Ġesu l-Ħabib, kif ukoll l-artal li jinsab fiha. Ikkonċelebraw il-Provinċjal, P. Richard Stanley Grech, ir-Rettur ta' l-imsemmija kappella u P. Maurice Abela O. Carm. , il-Kappillan tal-Parroċċa tal-Balluta. P. Anton Farrugia O.F.M. kien iċ-ċerimonjier. Attendew bosta persuni, fosthom il-ħaddiema li għamlu x-xogħolijiet artistiċi.

**Il-konvoy ta' Santa Marija**

Nhar l-14 t' Awwissu, lejliet Santa Marija, tfakkar is-67 sena anniversarju tal-konvoj ta' Santa Marija. Il-programm, li kien jikkonsisti f' talb u tqegħid ta' kuruna fil-baħar, b' tifkira ta' dawk kollha li taw ħajjiethom għal Malta, sar fix-xatt tal-Belt Valletta u ġie organizzat minn P. Pawl Attard O.F.M., il-Kappillan tal-Port, flimkien mall-membri ta' l-*Apostolatus Maris*. P. Raymond Falzon O.F.M. qed jgħen ukoll f' din il-ħidma.

**25 Sena Saċerdoti**

Żewġ aħwa oħra fakkru l-25 sena mill-Ordinazzjoni Presbiterali tagħhom. P. Anglu Falzon O.F.M. nhar it-2 ta' Settembru fil-knisja tagħna ta' Tas-Sliema, filwaqt li P. Noel Muscat O.F.M. fil-knisja tagħna tal-Ħamrun nhar it- 23 ta' Awissu. Huma ġew Malta għal din l-okkażjoni speċjali biex jifirħu ma' l-aħwa tal-Provinċja u mal-familjari tagħhom. P. Anglu jinsab l-Honduras, filwaqt li P. Noel qed jaħdem fl-Art Imqaddsa. ***MULTOS ANNOS***

**P. Jimmy Zammit O.F.M. Assistant Viżitatur**

Il-Provinċjal irċieva l-aħbar li ħuna P. Jimmy Zammit O.F.M., li bħalissa qed jgħati s-servizz ta' kappillan fil-Parroċċa *Immaculate Conception*, Toronto— Kanada, inħatar mid-Definitorju Generali bħala Assistant Viżitatur ta' P. Francesco Bravi O.F.M. fiz-żjara kanonika li se ssir fil-kunventi, li għandha l-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa. Din il-Kustodja għandha bosta fraternitajiet imxerrdin f' bosta pajjiżi. ***AWGURI***

**Aħwa għall-btala ġewwa Malta**

P. Stephen Sciberras O. F.M. u P. Raymond Camilleri O.F.M. - li bħalissa qed jaħdmu ġewwa Londra, u P. Joe Bonello O.F.M. - li bħalissa qed jaħdem fil-missjoni tal-Honduras, ġew Malta għal btala u fl-istess waqt biex jaraw lil ħuthom l-patrjiet u l-familjari tagħhom.

# *   ŻEWĠ  NOVIZZI ĠODDA  *

Nhar is-27 t' Awissu fil-knisja tagħna tal-Ħamrun saret il-vestizzjoni ta' żewġ novizzi ġodda - Emmanuel Said mir-Rabat u Aaron Abdilla mill-Mellieha. Il-Provincjal mexxa Quddiesa Konċelebrata flimkien ma' bosta aħwa tal-Provinċja. Hekk kif intemmet il-Quddiesa, sar ir-rit tad-dħul fil-ħajja reliġjuża. Sar qari mill-ħajja ta' San Franġisk, miktuba minn Tumas ta' Celano u l-Provinċjal staqsiehom xi mistoqsijiet. Huwa tahom it-tonka franġiskana fost l-applaws tan-nies prezenti. Wara sar festin fiċ-Ċentru S. FranġIsk. Għal din l-funzjoni attendew l-familjari u l-ħbieb taż-żewġ novizzi. Grazzi mill-qalb lil dawk kollha li taw s-sehem tagħhom u lill-komunita' tal-Ħamrun ta' l-għajnuna li huma offrew.

Imbgħad fl-4 ta' Settembru huma hallew Malta flimkien ma' P. Richard Stanley Grech O.F.M. u P. Joe Caruana O.F.M. Dak in-nhar stess huma waslu Assisi fejn għaddu fil-kunvent tal-Porziuncola u b' hekk setgħu jżuru din il-belt. Nhar is-7 ta' Settembru huma marru fil-kunvent ta' S. Damjan, fejn huma se jgħamlu s-sena tan-Novizzjat tagħhom. L-għada, fil-kjostru ta' l-istess kunvent, saret il-vestizzjoni ta' 8 novizzi ġodda tal-Provinċja Serafika. Din saret wara l-kant tas-salmi tan-Nona. Għal din il-funzjoni attendew bosta patrijiet u bosta familjari. Nistgħu ngħidu li Emmanuel u Aaron bdew jidraw sew l-ħajja ġdida taħt id-direzzjoni tal-Mastru tagħhom, P. Massimo Rescghilan, O.F.M. , l- ex-Provinċjal. Minn din il-paġna aħna nsellmulhom u nawgurawlhom. Grazzi mill-qalb lil dawk kollha li għenuhom s' issa fil-formazzjoni tagħhom. Infakkru li fra Josef Ciappara O.F.M. u fra Walter Vassallo O.F.M., huma wkoll kienu għamlu s-sena tan-Novizzjat tagħhom ġewwa l-istess kunvent. L-indirizz huwa - **Convento S. Damiano, 06081 Assisi (PG) - ITALIA.**











---

# L - ARĊISQOF U L - FRANĠISKANI



Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet, li saru fit-8 ċentinarju mit-twaqqif ta' l-ordni tagħna, fuq livell interfranġiskan, saret Quddiesa Konċelebrata fis-7.00 pm, immexxija minn Mons. Arċisqof Pawlu Cremona O.P. fil-knisja tagħna ta' S. Marija ta' l-Anġli, f' Baħar iċ-Ċagħaq nhar it-22 ta' Settembru. Ikkonċelebraw miegħu l-Provinċjali u bosta aħwa mit-tlett fergħat ta l-ewwel Ordni. Kienu preżenti s-Sorijiet Klarissi u bosta sorijiet mit-tlett kongregazzjonijiet franġiskani. L-introduzzjoni saret mill-Provinċjal tagħna u l-Arċisqof, li ħassu ħafna *at home*, għamel l-omelija, li filwaqt li rringrazzja, f' isem l-arċidjoċesi, lil kull franġiskan tas-servizz li qed jgħati, ħeġġiġna lkoll biex nippruvaw ngħexu b' mod mill-aħjar li nistgħu r-regola tagħna. Il-kant kien imexxi mill-kor mgħamul minn patrijiet u sorijiet. Fl-aħħar tal-Quddiesa, il-Provinċjal P. Joe Alessandro O.F.M. Kap. ippreżenta rigal lill-Mons. Arċisqof, f' isem il-fergħat kollha franġiskani. Wara sar festin fuq iz-zuntier ta' l-istess knisja. Prosit tassew lil

| **FESTI** | **NOVEMBRU 2009** | **BIRTHDAYS** |
|---|---|---|
| 11. P. Martin Coleiro | | 01. P. Stephen Sciberras |
| 15. P. Albert Micallef | | 14. P. Julian Sammut |
| 26. Fra Leo Ciantar | | 17. P. Christopher Farrugia |
| | | 18. P. Victor Camilleri |
| | | 28. P. Gwann Schranz |

***Xewqat qaddisa !!!!!!***

“ *The Chapter wished to provide the friars with something inspirational. Thus this document is not a diagnosis of the state of the Order, but rather a hopeful proposal of paths that we might walk. In some areas we have already begun the journey. Others demand that we prepare the ground. Still others are an invitation from the Spirit to be attentive so as to read the signs of the times, and respond to them boldly and creatively, faithful to the Gospel. In this way, with our eyes fixed on the future, we will incarnate the Gospel in all the different contexts in which the Lord has called us to be present”.*

Br. Jose Rodriguez Carballo O.F.M. , Minister General
From the presentation of the document of the General Chapter 2009
‘ **Bearers of the gift of the Gospel** ‘

**WERREJ**
Ottubru 2009


| | |
|---|---|
| Pentekoste Franġiskan | 2 — 3 |
| Jum ta’ xogħol ta patri fil-missjoni | 4 — 5 |
| Rendikont – Gabra Mons. Robert | 5 |
| B. Anġela minn Foligno | 6 |
| The Franciscan Family | 7 |
| Retreat of the Postulancy | 8 |
| Aħbarijiet mil-Provinċja | 9 — 10 |
| Zewġ novizzi - L-Arċisqof u l-Franġ. | 11 |



**L-AĦBAR**

**L-Editur**

P. Alexander Borg O.F.M.
Patrijiet Franġiskani
Triq Dun Pawl Vella
Tas-Sliema SLM 1184
Tel. 21 33 11 83
E-mail : fralex@maltanet .net

Għall-aħħar aggornamenti

hhtp://ofm.org.mt

Grazzi lil P. Joseph Magro O.F.M.